MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 494/2014/1

**Fl-atti tar-rikors numru 494/2014 fl-ismijiet :**

**Panta Contracting Limited (C15725)**

**kontra**

**D.A. Holdings Limited**

**(C18064)**

**Il-Qorti :**

Rat illi fil-25 ta` Novembru 2014, l-Amministratur Provvizorju tal-kumpannija D.A. Holdings Limited (C18064) ipprezenta rikors fejn talabha direzzjoni skond l-Art 323 tal-Kap 386.

Rat illi r-rikors jirrigwarda l-esekuzzjoni ta` tliet konvenji ghall-bejgh ta` tliet appartamenti fi Daniel`s Shopping and Residential Complex fil-Hamrun.

Rat illi mar-rikors kienu prezentati kopji tat-tliet konvenji.

Rat illi t-tliet konvenji kienu ffirmati **wara** l-5 ta` Gunju 2014 li kienet id-data ta` l-presentata tar-rikors promotur ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija D.A. Holdings Limited.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Novembru 2014, fejn *inter alia* appuntat ir-rikors tal-lum ghas-smigh ghall-udjenza tal-Gimgha 5 ta` Dicembru 2014 fl-10.00 a.m.

Rat ir-risposta li l-intervenuta fil-kawza fir-rikors promotur ipprezentat fil-5 ta` Dicembru 2014.

Rat in-nota li pprezentat D.A. Holdings Limited fil-5 ta` Dicembru 2014.

Rat il-verbal ta` l-udjenza tal-5 ta` Dicembru 2014.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

Rat l-atti tar-rikors promotur.

Rat l-Art 323 tal-Kap 386.

**Ikkunsidrat :**

Illi r-rikors promotur ta` Panta Contracting Limited fejn talbet ix-xoljiment u l-istralc ta` D.A. Holdings Limited kien notifikat lil D.A. Holdings Limited fit-23 ta` Gunju 2014 u cioe` **qabel** id-data li fiha kienu ffirmati t-tliet konvenji, u **wara** d-data tal-presentata tar-risposta taghha fl-istess procediment.

Illi fil-kors tal-udjenza tal-5 ta` Dicembru 2014, hadet nota tad-dikjarazzjoni li ghamlu l-kredituri bl-oghla kreditu kontra D.A. Holdings Limited, u cioe` Mediterranean Corporate Bank Limited u Panta Contracting Limited li **ma kienux disposti** jnehhu l-ipoteka u/jew privilegg li ghandhom fuq il-fondi mertu tat-tliet konvenji.

Illi fil-kors tal-udjenza tal-5 ta` Dicembru 2014, l-Amministratur Provvizorju ddikjara li l-qaghda finanzjarja ta` D.A. Holdings Limited ma hija felici xejn ghaliex biex tiehu r-ruh tehtieg *a fresh injection of capital* ta` seba` miljun Ewro (€7,000,000).

Illi li kieku kellu javvera ruhu l-bejgh tat-tliet appartamenti in kwistjoni, **kontra** x-xewqa tal-akbar kredituri, kwalsiasi rikavat mhux se jservi bhala *a fresh injection of capital.*

Illi jirrizulta li tnejn mill-konvenji mertu tar-rikors tal-lum diga` skadew. Ma ngabet l-ebda prova li dawn il-konvenji kienu mgedda. U lanqas ma saret prova li sar xi procediment kontemplat bl-Art 1357 tal-Kap 16.

Illi daqstant iehor ma ngabet l-ebda prova li l-konvenju l-iehor – allegatament vigenti - kien registrat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Provvediment**

**In vista tal-premess, il-Qorti mhijiex tawtorizza lill-Amministratur Provvizorju illi jghaddi ghall-att finali tal-bejgh tal-fondi in kwistjoni.**

**L-ispejjez tal-provvediment tal-lum jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali dwar il-procediment fl-ismijiet "Panta Contracting Limited (C15725) *kontra* D.A. Holdings Limited (C18064)" [Rik. Nru. 494/2014].**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------